## XOGĦOLIJIET TA' DAN L-AĦĦAR MINN MEMBRI TA' L-GĦAQDA TAL-FOLKLOR

**Anna Borg Cardona** Fit-*Treasures of Malta* No.21 2001 artiklu "Sights and Sounds of Nineteenth Century Valletta", verżjoni oħra tal-kitba tagħha "Some Nineteenth Century Street Cries" li deheret f' *L-Imnara* 1998, imma llustrata bil-kulur.

**Joseph C. Camilleri** Bħas-snin ta' qabel, kiteb għadd ġmielu ta' artikoli f'diversi ġazzetti u perjodiċi, li jittrattaw suġġetti varji, fosthom folkloristiċi.

**Ġuże' Cassar Pullicino** Fil-*Malta This Month* kellu kitbiet regolari ta' faċċata kull darba, dwar aspetti folkloristiċi.

**Ġuże' Chetcuti** L-aħħar tliet kotba tiegħu fis-sena 2000: "Antoloġija ta' Proża Maltija" ta' 677 paġna; "Poeżiji Miġburin 1930-2000", u "Ġrajjiet Mill-Ħajja ta' Kappillan" li kien deher għall-ewwel darba f'*Il-Qawmien* tal-1960.

**Angelo Dougall** Minbarra artikoli fil-ġornali, deheru wkoll kwotazzjonijiet b'referenza għalih f'kitbiet ta' ħaddieħor.

**Alfred Fenech** Organizza wirja b'għadd kbir ta' oġġetti li għandhom konnessjoni mal-mużika kemm f'Malta, kif ukoll barra. Il-wirja li ssemmiet "All That Music" saret mis-16 sat-30 ta' Settembru 2001, f' Iċ-Ċentru ta' L-Arti fi Triq Sir Luigi Preziosi f'Buġibba, taħt id-direzzjoni ta' "The Playhouse Gallery". Fid-19 ta' Marzu 2001 il-Membri tal-Għaqda tal-Folklor żaru il-kollezzjonijiet vasti tas-Sur Fenech, li hu s-segretarju ta' l-Għaqda tagħna, fid-dar tiegħu, u ħarġu sodisfatti ħafna.

**Ġużi Gatt** Kiteb diversi artikoli dwar l-istrumenti tal-mużika Maltin, (eż. The Sunday Times 1-X-2000 u 10-XII-2000). Ukoll xogħol mirqum dwar il-fuħħar fis-*Siġġiewi Brass Band and Festival Club* Festa 2001; qed iħejji pubblikazzjoni definittiva ta' xogħol "Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni" li ħareġ parzjalment u proviżorjament fl-1999 u li miegħu se jiżdiedu taqsimiet oħra, fosthom tal-fuħħar u l-bhejjem ta' l-irziezet u oħrajn.

**Joseph F. Grima** Ħareġ l-ewwel volum "Mill-Istorja Ta' Ħal Qormi" mill-kunsill lokali Qormi.(2001). Is-Sur Grima, segretarju ta' l-Għaqda Storika, ġa kien Editur ta' Ktieb ieħor li kien ħareġ dwar il-parroċċa ta' Ħal-Qormi (1984) .

**Carol J. Jaccarini** Bħala ko-awtur ma' Maurice Cauchi kiteb studju "The Enigmatic Rock-Cut Pans of Mġarr ix-Xini" *Melita Historica* XII No.4 (1999).

**Guido Lanfranco** Kiteb diversi artikoli fil-gazzetti u programmi tal-festi dwar suġġetti folkloristiċi u storiċi. Reċentement ħarġu tliet kotba oħra minn tiegħu: "Ħxejjex Mediċinali u Oħrajn" (Media Centre) it-tieni edizzjoni (2000); "Mediċina Popolari ta' L-Imgħoddi" (Klabb Kotba Maltin (2001). "Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin" (PIN) (2001) fis-serje Kullana Kulturali. Dan l-aħħar ktieb ġie stampat ukoll f'edizzjoni oħra b'qoxra ratba b'disinn differenti. F'l-aħħar stadji tal-produzzjoni u stampar ta' dan il-ktieb il-figura 20 intilfet minn diversi paġni, għalhekk inħolqu żbalji f'xi numri fit-test u fir-referenzi. Hawn issibu lista ta' xi tiswijiet għal min għandu dan il-ktieb:

| Paġna | | linja | | | issir | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Paġna | 15 | linja | 20 | ċentimetru | issir | 20 ċentimetri |
| | 25 | | 17 | -VII-1993 | | 20-VII-1993 |
| | 36 | | 9 | 2 | | 220 |
| | | | 38 | 4-5 | | 204-205 |
| | | | 44 | 1 | | 120 |
| | | | 48 | 7 | | 207 |
| | 46 | | 4 | 193-2 | | 193-202 |
| | | | 4 | 199-7 | | 199-207 |
| | | | 6 | 4 | | 204 |
| | 53 | | 23 | -VII-1994 | | 20-VII-1994 |
| | 56 | | 35 | 7 | | 207 |
| | | | 41 | 13-,(00) | | 13-20, (2000) |
| | 64 | | 31 | -VII-1994 | | 20-VII-1994 |
| | 71 | | 6 | -VII-1994 | | 20-VII-1994 |
| | 76 | | 11 | 7 | | 207 |
| | | | 12 | 3-256 | | 203-256 |
| | 83 | | 6 | -IV-1994 | | 20-IV-1994 |
| | 92 | | 45 | 00 | | 2000 |
| | | | 48 | 00 | | 2000 |
| | 108 | | 9 | -I-1989 | | 20-1-1989 |
| | 121 | | 12 | 3 | | 320 |
| | | | 17 | 9 | | 209 |
| | | | 19 | 8 | | 208 |
| | | | 29 | (1994) | | (1994)20 |
| | | | 36 | 8 | | 208 |
| | 147 | | 9 | missirijiet | | ommijiet |
| | 148 | | 41 | 0, 3, | | 200, 203, |
| | 162 | | 15 | 15-VI-00 | | 15-VI-2000 |
| | 184 | | 10 | 3 | | 203 |
| | | | 19 | (00) | | (2000) |
| | 228 | | 32 | sena | | 20 sena |
| | 229 | | 2 | -III-1999 | | 20-III-1999 |
| | | | 22 | 8 | | 208 |
| | | | 39 | 18-; | | 18-20; |
| | 245 | | 15 | ta' skud | | ta' 20 skud |
| | 251 | | 39 | l-Isla III | | (1991) L-Isla III |
| | 253 | | 19 | II, | | II, 205-216 |
| | 254 | | 46 | "Maltese | | "200 Maltese |

**Franco Masini** Kiteb artikoli, fosthom: "Episcopal Heraldry in Gozo" *Sunday Times* (5-VIII-2000) u "Louis Farrugia 1901-1956" *Sunday Times* (18-III-2001).

**Ġorġ Mifsud Chircop** Kiteb diversi artikoli, fosthom "Ġorġ Zammit" fl-*Leħen l-Imperial*, Mellieħa, Festa 2000. Kien wieħed mill-ghaxar kelliema fil-laqgħa tal-*Folklore Society*, Londra, f'Marzu 2001, fejn qara' dwar "Għerf u Umoriżmu Verbali". Kellu x'jaqsam ukoll din is-sena, fl-organizzazzjoni tal-Festival Nazzjonali ta' L-Għana.

**John Sciberras** Kiteb reċensjoni ta' *L-Imnara* 2000 (*Leħen is-Sewwa* 25-VIII-2001). Nirringrazzjawh talli ħa ħsieb idurilna ftit l-ortografija ta' l-artikoli bil-Malti ta' "L-Imnara"

**Joseph Vella Bondin** Wara li fl-2000 ħareġ il-ktieb tiegħu "Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax", issa ħareġ ukoll it-tieni volum, din id-darba "Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin" (2001) fis-sensiela Kullana Kulturali (PIN).



**Uffiċjali tal-Kumitat tal-Għaqda Maltija tal-Folklor fl-okkażjoni taż-żjara f'Malta tas-S'na Karmen Mikallef Buħaġar, benefattriċi, fis-26-X-1999**
***Quddiem, xellug-lemin:*** **S'na Maria R. Pisani, S'na Karmen Mikallef Buħaġar, u Guido Lanfranco.** ***Wara:*** **Frans Farrugia, Louis Fenech, Alfred Fenech, Angelo Dougall, J.F.Porsella-Flores**

9 ta' Mejju, 2001

L-Onor. Dr. Louis Galea,
Ministru ta' L-Edukazzjoni,
Il-Furjana, CMR 02

Onor. Miuistru,

F'April 2001 kien hawn Malta għal flitjiem, is-Sur Kari Bergholm president tal-Kunsill Internazzjoanli ta' 1-Organizzazzjonijiet tal-Festivals Folkloristiċi u Tradizzjonali *(Conseil International des Organisations de Festivals de Folklore et d'Àrtes Traditionnels)* (CIOFF) li hemm imsieħba fih xi 80 pajjiżi; dan il-Kunsill jikko-ordina mal 250 attività' internazzjonaîi fis-sena, u jirranġa wkoll biex gruppi magħrufin u ġenwini jipparteċipaw fil-festivals ta' xulxin.

F'appuntament mieghi fis-26 ta'April fil-Hotel Vivaldi, F San Ġiljan, is-Sur Kari Bergholm ħajjarni biex 1-Għaqda Maltija tal-Folklor tissieħeb magħhom, imma billi din 1-Għaqda m'għandhiex ir-riżorsi meħtieġa, għedtlu li se ngħaddi d-dettalji li 11-Ministem ta' 1-Edukazzjoni fejn dan 1-ahhar twaqqfu fi ħdanu in-National Festivities Committee u in-National Folklore Commission li għandhom in-nies u il-mezzi mehtieġa.

Għalhekk hawn qed nibgħatlek kopji ta' 1-informazzjoni h li għaddieli, biex jistgħu jitwasslu lil dawn iż-żewġ *boards.*

Filwaqt li nawguralek u nirringrazzjak ta' l-interess,

Għoddni dejjem tiegħek ^r^^^^^^^y^

s* v^(6indo Lanfranco)
*Pres. Ghaqda Maltija tal-Folklori, TritfSan Trofimu, Tas-Sliema*